## AVVIŻ GĦALL-MEDIA

# Qed inħabbru r-Rebbieħa tal-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità għall-2023

**10 ta' Jannar 2023**

Il-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversitàġie lura għall-ħames edizzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea ser tħabbar ir-rebbieħa f'ċerimonja fis-**27 ta' April 2023.** L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu sal-15 ta' Frar 2023.

**Il-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza Helena Dalli** ser tospita l-avveniment ta' livell għoli li jiġbor sindki, uffiċjali nazzjonali, partijiet ikkonċernati u dawk li jfasslu l-politika dwar id-diversità u inklużjoni.

Il-Premju jirrikonoxxi r-rebbieħa tad-Deheb, tal-Fidda u tal-Bronż fit-tliet kategoriji kollha:

- awtoritajiet lokali b'inqas minn 50 000 abitant
- awtoritajiet lokali b'aktar minn 50 000 abitant
- premju speċjali għall-persuni LGBTIQ+ ugwaljanza

Ir-rebbieħa tal-ewwel premju ser jissejħu 'Il-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità' għal sena.

**Dwar il-Kompetizzjoni tad-#DiversityCapitals**

Il-Premju jirrikonoxxi x-xogħol magħmul minn bliet, jew reġjuni fl-Unjoni Ewropea biex jippromwovu l-inklużjoni u joħolqu soċjetajiet ħielsa minn diskriminazzjoni.

Il-kompetizzjoni hi ċans għall-awtoritajiet lokali biex jesibuxxu politiki u inizjattivi li joħolqu spazji aktar diversi u inklużivi għaċ-ċittadini tagħhom.

Din tkopri inizjattivi ta' diversità u inklużjoni li jindirizzaw ir-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni (sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali) u intersezzjonalità, ir-relazzjoni interkonnessa ta' forom differenti ta' kategorizzazzjoni soċjali.

Aqra l-isfond tal-mediatagħna biex titgħallem aktar dwar il-Premju u kif jaħdem.

**Kronoloġija tal-kompetizzjoni**

- Sottomissjonijiet tal-entrati: sal-15 ta' Frar 2023, sa 12h00 PM CET
- Evalwazzjoni tal-esperti u tal-ġurija tal-entrati: bejn is-16 ta' Frar u l-31 ta' Marzu 2023
- Tħabbir tal-finalisti: kmieni f'April 2023 (mistenni)
- Ċerimonja tal-għoti tal-premju: 27 ta' April 2023

**Rebbieħa tal-Premju tad-Deheb 2022 tad-#DiversityCapitals**

Iktar minn 80 belt, u reġjun applikaw biex ikunu msejħa Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u Diversità fil-kompetizzjoni tas-sena l-oħra. Dawn t'hawn taħt rebħu l-premju prestiġjuż tad-Deheb fil-kategoriji tagħhom billi jeċċellaw fl-insegwiment tagħhom ta' Ewropa iktar indaqs u inklużiva. Dan l-artiklu jiddiskuti l-impatt tar-rebħa tal-Premju għal dawn l-ibliet u l-pjanijiet tagħhom għall-futur.

**Commenté [FA1]:** il-Link qegħda hawn għall-artiklu bl-Ingliż. Fil-verżjoni ta' kull lingwa, jekk jogħġbok, orbot għal-lingwa rispettiva tal-artiklu fil-website

| Kategorija | Rebbieħa tad-Deheb |
|---|---|
| Aktar minn 50,000 abitant | **COLOGNE, il-Ġermanja** |
| Inqas minn 50,000 abitant | **KOPRIVNICA, il-Kroazja:** |
| Trawwim ta' inklużjoni tar-Rom | **ANDALUSIJA, Spanja** |

**Kuntatt tal-Media**

Għal mistoqsijiet tal-media jew jekk trid tirċievi l-istqarrijiet tal-istampa tagħna dwar il-Premju, jekk jogħġbok ikteb lil:media@eudiversity2023.eu